# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 359/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Steven Kevin Fisher**

Illum 22 ta' Ġunju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Steven Kevin Fisher**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 14120(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fid-29 ta' Lulju 2018 u l-ġranet ta' qabel għal ħabta ta' 23.30hrs fi Triq il-Prinjoli, Santa Luċija:

[1] *A fol.* 1 u 8.

1. hedded bil-ġebel jew ħwejjeġ oħra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi kontra n-nies, ċioè kontra Amanda Fisher mingħajr ma darab jew sawwat;

2. ikkaġuna biża' li ser juża vjolenza kontra Amanda Fisher jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti ta' l-imsemmija persuna, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. wettaq delitt kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, Amanda Fisher, persuna li tgħix mal-vittma, jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha;

4. wettaq delitt fil-preżenza tal-minuri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Lulju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7, 8, 222(1)(a), 251B(1), 251H(a)(d) u 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u kkundannatu tliet (3) xhur priġunerija. *Ai termini* ta' Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti rabtet lill-imputat b'garanzija personali ta' elfejn Euro (€2,000) għal żmien sena mid-data tas-sentenza u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jinġurjax lil *parte civile* Amanda Fisher u l-familjari tagħha.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-26 ta' Lulju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tħassar jew tbiddel ai termini tal-Artikolu 419 tal-Kodiċi Kriminali s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-11 ta' Lulju 2022 fl-ismijiet: Pulizija vs Steven Kevin Fisher u tillibera lill-imputat minn kull ħtija u piena skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ta' dan l-appell u ta' dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Steven Kevin Fisher** (Numru 358/2022/1 NC) u **Il-Pulizija vs. Steven Kevin Fisher** (Numru 360/2022/1

NC), is-sentenzi dwar liema appelli ġew mogħtija llum minn din il-Qorti kif preseduta.[2]

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant jitlob li din il-Qorti tħassar jew tbiddel is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u tilliberah minn kull ħtija u piena.

Illi, kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti proċesswali kollha ta' dan l-appell u tat-tnejn l-oħra msemmija, kemm tax-xhieda li nstemgħu u kif ukoll tad-dokumenti ppreżentati fihom. Fir-rigward tal-mertu tal-appell li dwaru qed tingħata din is-sentenza, din il-Qorti tinnota b'mod partikolari li fl-affidavit tiegħu PS 1258 C. Debattista (*a fol.* 3 *et seq.*) jgħid li fid-29 ta' Lulju 2018 il-Pulizija ġiet imsejħa minħabba inċident domestiku fejn l-appellant allegatament għamel il-gandlieri ma' wiċċ martu l-*parte civile* Amanda Fisher iżda ma sawwathiex. Wara dan jidher li l-appellant daħal ġewwa kamra oħra, mexxa l-gwardarobba wara l-bieb biex ħadd ma jkun jista' jidħol u meta marru l-Pulizija huwa rrifjuta li joħroġ jew ikellimhom. Meta l-appellant ġie mitkellem mill-Pulizija, huwa rrakkonta li l-kwistjoni bdiet meta huwa ordna lit-tifel sabiex ma jixtrix is-sigaretti lil ommu. Spjega li huwa daħal fil-kamra tas-sodda biex jorqod u mexxa l-gwardarobba biex ma jdejqu ħadd.

[2] It-tliet kawżi msemmija kienu qegħdin jinstemgħu flimkien quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Ingħad li huwa qal li ma fetaħx meta l-Pulizija ppruvaw ikellmuh minħabba li ma kien sema xejn.

Illi fir-Rikors tal-Appell tiegħu l-appellant iressaq is-segwenti tliet aggravji:

- li l-Ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni biżżejjed tal-fatti u l-atti kollha li ġew ippreżentati quddiemha;

- li l-Ewwel Qorti ma qisitx biżżejjed il-bilanċ bejn dak li nġieb bħala prova u dak li seta' jinġieb; u

- li l-piena nflitta hija waħda eċċessiva.

Illi waqt is-sottomissjonijiet bil-fomm tiegħu, il-konsulent legali tal-appellant semma wkoll li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti ma kinitx motivata u li sabiex jissussisti r-reat previst taħt Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta skont hu jrid ikun hemm *"diġà każ ta' ħtija"*. Dwar dawn din il-Qorti tinnota li peress li dawn ġewx imressqa fir-Rikors tal-appell tal-appellant, b'hekk il-Qorti ma għandhiex tqishom.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tinnota illi huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-

konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatti u l-atti kollha hekk kif esposti quddiemha. Huwa jsemmi kif huwa kien jinqafel fil-kamra tiegħu sabiex jevita diskussjonijiet u jispjega wkoll li darba minnhom kien qal lil binhom minuri sabiex ma jixtrix is-sigaretti. Huwa jsemmi l-inċident ta' meta huwa kien mar id-dar u sab lill-*parte civile* fuq it-telefon u akkużaha li kienet qed tagħmel *phone sex* ma' Għarbi. Ikompli jgħid li l-verżjonijiet li tat il-*parte civile* jmorru kontra dak li qalet lill-Pulizija speċjalment f'dak li jirrigwarda theddid li, skont il-*parte civile*, hu (l-appellant) allegatament kien għamel fil-konfront tagħha. Jgħid ukoll li Massimo Calleja minflok ikkonferma l-verżjoni tal-*parte civile*, ikkonferma l-verżjoni tiegħu (tal-appellant). L-appellant isemmi l-inċident ta' meta l-mara tiegħu marret toqgħod għand ommha u huwa mar biex jara t-tfal iżda ma rnexxilux. Jgħid li l-verżjoni li tat il-*parte civile* li huwa qabeż fuq il-vettura mhijiex minnha minħabba li kieku kien iħalli marki. Jgħid ukoll li huwa qatt ma mess u wisq anqas għajjar lill-martu quddiem it-tfal.

Illi din il-Qorti qrat b'interess l-aggravju in eżami fir-Rikors tal-appell b'mod partikolari l-aħħar sentenza tal-aggravju fejn l-appellant isemmi li huwa qatt ma refa' idu u wisq inqas għajjar lil martu quddiem it-tfal. Din il-Qorti tifhem li din id-dikjarazzjoni qed issir minħabba r-raba' (4) imputazzjoni. Filwaqt li mhux eskluż li l-appellant seta' refa' idejh fuq martu u għajjarha meta t-

tfal ma kienux preżenti, din il-Qorti tinnota wkoll li kemm mix-xiehda tal-*parte civile*[3] kif ukoll mill-affidavit ta' PS 1258 C. Debattista (*a fol.* 3 *et seq.*) jirriżulta xenarju differenti minn dak impinġi mill-appellant.

Illi din il-Qorti tagħraf li l-appellant jista' jkun daħal fil-kamra tiegħu sabiex il-ġlieda ma tkomplix teskala iżda dan ma jiġġustifikax l-imġieba tiegħu ta' qabel inkluż li poġġa l-gandlieri ma' wiċċ il-*parte civile*. Il-provokazzjonijiet tiegħu huma wkoll infantili u minflok poġġa rasu f'postha u pprova jsib soluzzjoni għal ġid ta' uliedu, huwa baqa' jgħaddas rasu u jipprova jipprovoka lill-istess *parte civile* b'aġir stupidu u vjolenti li fl-aħħar mill-aħħar ma kien ser iwassal għal xejn ħlief li jkabbar il-pika.

Illi l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti qagħdet biss fuq ix-xhieda mressqa minn parti waħda biss. Din il-Qorti tfakkar li hija prerogattiva tal-Ġudikant li fiċ-ċirkostanzi tal-każ jiddeċiedi lil min jemmen u lil min ma jemminx. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "11. [...] Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss."

---

[3] *A fol.* 9 *et seq.* u *a fol.* 86 *et seq.* ta' Appell Numru 358/2022/1 NC.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Bonavia** ppreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001**; Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

Illi din il-Qorti qrat ukoll ix-xiehda mogħtija mill-appellant[5] u tinnota li għajr għad-dikjarazzjoni tiegħu huwa ma ressaq l-ebda prova sabiex jissostanzja l-verżjoni tiegħu. Minbarra dan din il-Qorti tinnota li l-appellant kien konfużjonali fix-xiehda tiegħu u lanqas kien ċert dwar xiex kien ser jixhed. Huwa jsemmi *videos*, *recordings* u rapporti li allegatament għamel biex jipprova l-verżjoni tiegħu iżda ma ppreżenta xejn minn dan. Meta dan jiġi mqabbel ma' dak li ppreżentat il-*parte civile* u tenut kont ta' dak li jirriżulta mill-atti proċesswali huwa naturali li wieħed jemmen aktar il-verżjoni tal-*parte civile*.

Illi mill-provi mressqa din il-Qorti hija tal-fehma li l-verżjoni mogħtija mill-*parte civile* hija aktar kostanti u verosimili u konsegwentement fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u għalhekk dan l-aggravju qed ikun miċħud.

**Ilkunsidrat**

Illi permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma qisitx biżżejjed il-bilanċ bejn dak li nġieb bħala provi u dak li effetivament seta' jinġieb. F'dan ir-rigward jagħmel riferenza għal dawk l-istanzi fejn il-*parte civile* allegatament ippruvat tħammiġlu r-reputazzjoni speċjalment meta allegat li huwa jieħu d-drogi u wara qalet li hija qatt ma ratu jieħu d-drogi.

Illi din il-Qorti tinnota li minkejja li l-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tressaq l-aqwa prova hija fid-diskrezzjoni tagħha li tara jekk fil-fehma tagħha hija tkun ressqet provi suffiċjenti u tiddeċiedi għandhiex għalfejn tkompli tressaq il-provi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numu 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

[5] *A fol.* 42 *et seq.* ta' Appell Numru 360/2022/1 NC.

"38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġà pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat."

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali ta' din il-kawża u ta' dawk iż-żewġ kawżi li kienu mexjin magħha minn fejn jirriżulta li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tal-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu. Ma tirriżulta l-ebda ċaħda partikolari da parti tal-appellant li huwa ġab ruħu bil-mod deskritt mill-*parte civile*. Mhux korrett l-appellant meta jgħid li l-*parte civile* ħawdet fir-rigward tal-użu minn naħa tiegħu tad-droga anzi fix-xiehda mogħtija fl-1 ta' Marzu 2019[6] il-*parte civile* tikkonferma darbtejn li hija rat lill-appellant jagħmel użu mill-kannabis[7].

Illi dwar it-tieni (2) imputazzjoni din il-Qorti rat il-ħsara li l-appellant wettaq fir-residenza tagħhom[8] fejn jidher ċar li l-appellant kien lest juża l-vjolenza u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti kienet ġustifikata l-*parte civile* li tibża' li jista' jkun ser tintuża vjolenza fuq il-persuna tagħha jew fuq il-proprjeta' tagħha.

[6] *A fol.* 86 *et seq.* ta' Appell Numru 358/2022/1 NC.
[7] *A fol.* 105 u 106. ta' Appell Numru 358/2022/1 NC.
[8] Dok. "SKF 1"- *a fol.* 15 *et seq.* ta' Appell Numru 358/2022/1 NC.

Illi tenut kont tal-fatti u tenut kont tal-provi mressqa u kif ukoll ta' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tat-tieni aggravju jsegwi li l-Qorti qed tiċħad l-istess aggravju.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija ħarxa wisq u li piena ta' ħabs effettiv ser twasslu sabiex jitlef ix-xogħol u ser isibha diffiċli jħallas il-manteniment. F'dan ir-rigward din il-Qorti tfakkar li hija ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fejn din il-piena ma tkunx eċċessiva jew żbaljata fil-prinċipju. Din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Eric Zammit** (Numru 139/2015) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*."

Illi fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom instabet ħtija fl-appellant mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tinnota li Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie emendat darbtejn minn dakinhar li ġraw l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant f'dan il-każ b'dan illi l-Ewwel Qorti applikat it-terminu minimu ta' priġunerija li setgħet tikkundannah dak iż-żmien.

Illi din il-Qorti tinnota li l-appellant naqas milli jressaq raġuni li permezz tagħha jiġġustifika għala l-piena erogata fil-konfront tiegħu għandha tiġi varjata. Tenut kont ta' dan u meħud in konsiderazzjonijiet taċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ u kif ukoll tal-fedina penali aġġornata tal-appellant, din il-Qorti ma tara ebda raġuni valida għala għandha tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti bl-ebda mod, la billi, fost l-oħrajn, tagħti sentenza ta'

priġunerija t-terminu ta' liema jkun sospiż u anqas billi tikkundanna lill-appellant iħallas multa. Għaldaqstant anke it-tielet aggravju qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Steven Kevin Fisher u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**